Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,522, 17 ta' Ottubru, 2025
Taqsima B

A.L. 248 tal-2025

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti tal-2025 dwar Proċeduri Dixxiplinarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru responsabbli għas-saħħa, wara konsultazzjoni ma', u wara li talab il-parir tal-Kunsilli rilevanti, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar Proċeduri Dixxiplinarji.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 464.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa;

"Chairperson" tfisser iċ-Chairperson tal-Kumitat Dixxiplinarju maħtur skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3(1)(a);

"data personali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);

"familja immedjata" tfisser kwalunkwe konjuġi u ulied miżżewġin jew mhux miżżewġin, kif ukoll membri tal-familja oħra sal-ewwel grad, li jgħixu fl-istess dar jew xort'oħra u persuni li għandhom il-kustodja legali ta' minuri;

"ilment" tfisser ilment lill-Kunsill rilevanti li jsir skont id-dispożizzjonijiet tal-Att jew ta' dawn ir-regolamenti;

"ilmentatur" tinkludi kwalunkwe persuna li tagħmel ilment lill-Kunsill rilevanti anki meta tali persuna ma tkunx il-parti leża;

"imputazzjoni" tfisser imputazzjoni formulata mill-Kunsill rilevanti sabiex tiddeskrivi kwalunkwe raġuni għall-azzjoni dixxiplinarja fil-konfront ta' professjonist fil-kura medika kif

stabbilit fl-Att u f'dawn ir-regolamenti;

"Kumitat Dixxiplinarju" tfisser il-kumitat dixxiplinarju mwaqqaf skont ir-regolament 3;

"Kunsill rilevanti" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att u għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandu jkun dak il-Kunsill li fil-mument tal-allegat inċident, jirregola lill-professjonist fil-kura medika li fil-konfront tiegħu jkunu qegħdin jittieħdu proċeduri;

"membru" tfisser kwalunkwe persuna li għandha isimha mniżżel f'wieħed mir-Reġistri tal-Kunsill rilevanti u li jkollha l-prattika tagħha regolata mill-Kunsill rilevanti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att;

"membru tal-kumitat" tfisser professjonist fil-kura medika reġistrat mal-Kunsill rilevanti skont id-dispożiżżjonijiet tal-Att, u li għandu jinħatar sabiex joqgħod fuq il-Kumitat Dixxiplinarju skont ir-regolament 4;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa;

"miżuri *interim*" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"parti leża" tfisser kwalunkwe persuna li tħossha aggravata minħabba l-imġiba ta' professjonist fil-kura medika u tinkludi pazjent jew klijent;

"President" tfisser il-President tal-Kunsill rilevanti maħtur skont l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att;

"professjonist fil-kura medika" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tal-Kunsill rilevanti maħtur skont l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att;

"Reġistru" tfisser kwalunkwe Reġistru miżmum mill-Kunsill rilevanti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att;

"reġistru permanenti" tfisser kwalunkwe reġistru miżmum mill-Kunsill rilevanti li fih jinkludi professjonisti fil-kura medika li huma reġistrati b'mod permanenti mal-Kunsill u jeskludi kwalunkwe reġistru temporanju;

"sigriet professjonali" jew "sigriet" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar Segretezza Professjonali; Kap. 377.

"standards professjonali u etiċi" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att.

(2) Sakemm ma jiġix xort'oħra stipulat jew kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li mhumiex imfissra f'dan ir-regolament għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att.

Kumitat Dixxiplinarju.

3. (1) Kull Kunsill rilevanti għandu jkollu kumitat magħruf bħala l-Kumitat Dixxiplinarju. Kull Kumitat Dixxiplinarju għandu jikkonsisti mill-membri li ġejjin maħtura mill-Ministru u li għandhom ikunu persuni fiżiċi:

(a) Chairperson maħtur mill-Ministru minn fost il-professjonisti legali li għandhom warrant sabiex jipprattikaw bħala avukati f'Malta u li jkollhom esperjenza ta' mhux inqas minn tnax (12)-il sena bħala avukati. L-imsemmi Chairperson għandu jippresjedi bħala chairperson fuq kull Kumitat Dixxiplinarju tal-Kunsilli rilevanti kollha;

(b) żewġ (2) membri magħżula mir-reġistru idoneju tal-ispeċjalisti, jew fin-nuqqas ta' tali reġistru, mir-reġistru permanenti idoneju tal-professjoni tal-kura medika skont ir-regolament 4.

(2) Is-segretarju tal-Kumitat Dixxiplinarju għandu jinħatar mill-President għal terminu ta' sitt (6) snin li jista jiġġedded għal terminu ulterjuri ta' tliet (3) snin.

(3) Il-Ministru għandu jaħtar Aġent Chairperson minn fost il-professjonisti legali li għandhom warrant sabiex jipprattikaw bħala avukati f'Malta u li jkollhom esperjenza ta' mhux inqas minn tnax (12)-il sena bħala avukati, sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet taċ-Chairperson jekk ikun hemm vakanza fil-kariga ta' Chairperson jew jekk fil-perjodu li matulu ċ-Chairperson ikun qiegħed jokkupa dik il-kariga ma jkunx jista' għal kwalunkwe raġuni jippresjedi fuq il-Kumitat Dixxiplinarju:

Iżda sakemm ma jiġix stipulat xort'oħra d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw iċ-Chairperson għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Aġent Chairperson.

(4) Qabel ma jinħatar iċ-Chairperson skont is-subregolament (1), il-Ministru għandu jaċċerta ruħu li ċ-Chairperson ikun idoneu u adattat sabiex jaqdi dmirijietu taħt dawn ir-regolamenti. Għal dan il-

għan, il-Ministru għandu jieħu inkonsiderazzjoni l-integrità, il-kompetenza, id-diliġenza u l-kapaċità tal-persuna li tieħu deċiżjonijiet u li ma jkollux kunflitt ta' interess jekk il-persuna kkunsidrata għall-kariga ta' Chairperson tkun tokkupa tali kariga.

(5) Iċ-Chairperson u l-Aġent Chairperson tal-Kumitat Dixxiplinarju għandhom jinħatru għal terminu wieħed (1) ta' sitt (6) snin li ma jistax jiġġedded wara l-iskadenza tal-kariga tagħhom.

(6) Membri oħra tal-Kumitat Dixxiplinarju magħżula skont ir-regolament 4 għandhom jinħatru għas-smigħ u d-determinazzjoni ta' każ individwali.

(7) Fejn għal kwalunkwe raġuni jkun hemm vakanza fil-kariga ta' membru tal-kumitat jew meta membru tal-kumitat ma jkunx jista' jibqa' fil-Kumitat Dixxiplinarju, għandu jinħatar membru ieħor tal-kumitat mill-Ministru skont ir-regolament 4 fi żmien xahar (1) minn meta tinħoloq il-vakanza, u dan għall-perjodu rimanenti tal-kariga tal-membru tal-kumitat li jkun qiegħed jiġi sostitwit:

Iżda l-Kumitat Dixxiplinarju jista' jkompli jeżerċita l-poteri tiegħu sad-data li fiha jinħatar il-membru sostitut:

Iżda wkoll fl-eventwalità li membru tal-kumitat imut jew jitneħħa skont dawn ir-regolamenti, meta l-istadju tal-provi fil-proċeduri quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju jkunu diġà ġew konklużi, il-Kumitat Dixxiplinarju jista', meta jqis xieraq, jiddeċiedi li l-każ jinstema' mill-membri tal-kumitat li jkun baqa'.

(8) Il-membri tal-kumitat ma għandhomx jitneħħew mill-kariga tagħhom ħlief kif provdut fir-regolament 5.

Membri tal-Kumitat.

4. (1) Malli jirċievi applikazzjoni skont ir-regolament 11(1), il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jinforma lill-Ministru dwar dan il-fatt u l-Ministru għandu jaħtar żewġ (2) membri fuq il-Kumitat Dixxiplinarju li jkunu ġejjin mill-istess qasam ta' speċjalizzazzjoni jew fin-nuqqas, mill-istess professjoni tal-kura medika tal-persuna akkużata.

(2) Il-Ministru għandu jagħżel l-imsemmija membri f'ordni alfabetika mir-reġistru tal-ispeċjalisti jew mir-reġistru permanenti tal-professjoni tal-kura medika rispettivi, skont il-każ:

Iżda f'każijiet li jiġu ppreżentati proċeduri ġodda skont ir-regolament 11(1) kontra professjonisti fil-kura medika li jkunu ġejjin mill-istess qasam ta' speċjalizzazzjoni jew professjoni tal-kura medika fejn tkun saret ħatra preċedenti skont is-subregolament (1), il-Ministru

għandu jagħżel bħala membri dawk il-persuni li jkun imiss skont l-ordni alfabetika fir-reġistru rispettiv.

(3) Fil-każ li professjonist fil-kura medika magħżul skont is-sub-regolament (2) jirrifjuta tali ħatra għal raġuni valida jew jiġi skwalifikat minn dik il-ħatra jew jiddikjara konflitt fil-proċeduri skont ir-regolament 5, il-Ministru għandu jipproċedi sabiex jagħżel il-professjonist fil-kura medika li jkun imiss skont l-ordni alfabetika fir-reġistru rispettiv.

Skwalifika u tneħħija mill-kariga ta' membru tal-kumitat fil-Kumitat Dixxiplinarju.

5. (1) Persuna ma għandhiex tikkwalifika sabiex tinħatar bħala, jew sabiex tibqa' membru tal-kumitat, Chairperson, jew Aġent Chairperson jekk hija:

(a) tkun Membru tal-Kamra jew ta' Kunsill Lokali, jew kandidat għall-elezzjoni fil-Kamra jew Kunsill Lokali;

(b) tkun Imħallef jew Maġistrat tal-Qrati tal-Ġustizzja;

(ċ) tkun legalment inabilitata jew interdetta;

(d) tkun ġiet dikjarata falluta jew li daħlet fi ftehim jew arranġament mal-krediturі tagħha;

(e) tkun soġġetta għal skwalifika taħt l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpaniji; Kap. 386.

(f) tkun membru tal-kunsill eżekuttiv ta' trade union, kif imfisser fl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

(g) tkun membru tal-Kunsill rilevanti jew membru tal-familja immedjata tal-membru tal-Kunsill rilevanti;

(h) tkun instabet ħatja ta' reat kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi, jew tkun xjentement laqgħet għandha proprjetà li tkun ġejja minn serq jew frodi, jew tkun irċeviet sentenza ta' priġunerija minn qorti; jew

(i) tkun ġiet soġġetta għall-proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju, li fid-deċiżjoni tiegħu ddetermina fuq bilanċ ta' probabbiltà li l-allegazzjonijiet kontra tali persuna ġew ippruvati totalment jew parzjalment u f'dan l-istadju d-deċiżjoni saret *res judicata*, jew permezz ta' sentenza definittiva tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li saret *res judicata* li fiha l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju li l-allegazzjonijiet ġew ippruvati totalment jew parzjalment.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, il-kariga ta' Chairperson jew membru tal-kumitat għandha ssir vakanti:

(a) mal-iskadenza tat-terminu tal-kariga;

(b) jekk minħabba xi ċirkostanzi li jinqalgħu, kieku ma kinitx diġà Chairperson jew membru tal-kumitat, il-persuna kienet tiġi skwalifikata mill-ħatra bħala tali; jew

(ċ) jekk il-persuna titneħħa mill-kariga skont is-subregolament (3).

(3) Iċ-Chairperson, Aġent Chairperson jew membru tal-kumitat għandhom jitneħħew biss mill-kariga mill-Ministru għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) jekk minħabba inkapaċità ppruvata fiżika jew mentali jew minħabba xi kawża oħra, effettivament ma jistax ikompli jaqdi dmirijietu;

(b) jekk jiġi ppruvat li l-imġiba jew il-prestazzjoni tqiegħed f'dubju l-adegwatezza jew l-abbiltà tiegħu li jkompli fil-kariga tiegħu ta' Chairperson jew ta' membru tal-kumitat, b'mod partikolari mġiba li taffettwa jew li tista' taffettwa r-reputazzjoni, l-independenza, jew l-awtonomija tal-Kumitat Dixxiplinarju;

(ċ) jekk ikun instab ħati ta' reat kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi, ikun xjentement laqa' għandu proprjetà li tkun ġejja minn serq jew frodi, korruzzjoni jew money laundering, jew ta' kwalunkwe reat ieħor kontra dan l-Att, jew li instab ħati ta' reat soġġett għall-piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sitt (6) xhur jew iktar;

(d) jekk jiġi ppruvat li hu naqas milli jwettaq dmirijietu għall-perjodu twil mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni valida;

(e) jekk jiġi ppruvat illi tkun teżisti kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li fihom imħallef għandu jastjeni jew ikun jista' jiġi rikużat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; jew

Kap. 12.

(f) jekk tali persuna ġiet soġġetta għall-proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju u fid-deċiżjoni tiegħu ġie determinat fuq bilanċ ta' probabbiltà li l-allegazzjonijiet kontra tali persuna ġew ippruvati totalment jew parzjalment u f'dan l-istadju d-deċiżjoni saret *res judicata,* jew permezz ta' sentenza definittiva tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza

Inferjuri) li saret *res judicata* li fiha l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju li l-allegazzjonijiet ġew ippruvati totalment jew parzjalment.

(4) Iċ-Chairperson, l-Aġent Chairperson jew membru tal-kumitat għandhom jiġu sospiżi mill-kariga tagħhom fil-Kumitat Dixxiplinarju permezz ta' ordni ta' sospensjoni maħruġ mill-Ministru jekk tali persuna tkun soġġetta għall-investigazzjoni pendenti mmexxija mill-Kunsill rilevanti, jew hija soġġetta għal proċeduri dixxiplinarji li huma pendenti quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju jew proċeduri li huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) skont dawn ir-regolamenti, skont il-każ:

Iżda fil-każ li l-Kunsill rilevanti jagħlaq l-investigazzjoni u jiddeċiedi li ma jieħu l-ebda azzjoni ulterjuri kontra tali persuna, jew permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju meħuda fuq bilanċ ta' probabbiltà li hija *res judicata* tali persuna tinħeles mill-akkuży kollha miġjuba kontriha, jew permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li hija *res judicata* tali persuna tinħeles mill-akkuzi miġjuba kontriha, il-Ministru għandu jirrevoka l-ordni ta' sospenzjoni u tali persuna għandha terġa tiddaħħal fil-kariga preċedenti tagħha fi ħdan il-Kumitat Dixxiplinarju.

(5) Iċ-Chairperson u l-membri tal-kumitat għandhom qabel il-bidu ta' kwalunkwe każ fil-Kumitat Dixxiplinarju jiddikjaraw kwalunkwe interess li jista' jkollhom fil-proċeduri. Fejn iċ-Chairperson jiddikjara li għandu interess, hu għandu jiġi sostitwit mill-Aġent Chairperson u jekk l-Aġent Chairperson ukoll jiddikjara li għandu interess fil-proċeduri, il-Ministru għandu jaħtar persuna oħra sabiex tippresjedi f'dawk il-proċeduri. Meta membru ta' kumitat jiddikjara interess fil-proċeduri, il-Ministru għandu jaħtar professjonist ieħor fil-kura medika skont ir-regolament 4(3).

Remunerazzjoni.

6. (1) Iċ-Chairperson, l-Aġent Chairperson u l-membri tal-kumitat għandhom jirċievu tali remunerazzjoni kif jista' jiġi deċiż mill-Ministru permezz ta' Avviż tal-Gvern fil-Gazzetta:

Iżda tali remunerazzjoni ma tistax tiġi modifikata matul il-perjodu tal-kariga tagħhom.

(2) Ir-remunerazzjoni dovuta liċ-Chairperson, lill-Aġent Chairperson u lill-membri tal-kumitat għandha titħallas mill-Fond Konsolidat mingħajr il-ħtieġa ta' xi approprjazzjoni addizzjonali.

Votazzjoni.

7. (1) Iċ-Chairperson u l-membri tal-kumitat huma intitolati għal vot wieħed (1).

(2) Il-każijet għandhom jiġu deċiżi mill-Kumitat Dixxiplinarju b'vot ta' maġġoranza.

(3) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, iċ-Chairperson u l-membri tal-kumitat għandhom jaġixxu b'mod imparzjali u ma għandhom ikun soġġetti għall-ebda direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità.

Għanijiet u funzjonijiet tal-Kumitat Dixxiplinarju.

8. Il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jżomm proċeduri dixxiplinarji u jisma' l-imputazzjoni formulata mill-Kunsill rilevanti skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ppreżentata lilu skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 11;

(b) li jiddeċiedi fuq it-talba tal-Kunsill rilevanti dwar jekk hemmx raġunijiet li jiġġustifikaw it-teħid ta' miżuri *interim* wara li jkunu nbdew proċeduri dixxiplinarji quddiemu;

(ċ) li jiżgura li s-smigħ ta' proċeduri dixxiplinarji jiġu mmexxija b'mod ġust u organizzat u li l-Kunsill rilevanti u l-professjonist fil-kura medika jingħataw opportunità adegwata sabiex jippreżentaw il-provi u x-xhieda u sabiex jagħmlu kontroeżami ta' kwalunkwe xhud ippreżentat minn kwalunkwe parti;

(d) li jiżgura li fil-kors tal-proċeduri dixxiplinarji d-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolament jiġu osservati f'kull waqt;

(e) li jiżgura li l-professjonist fil-kura medika jiġi infurmat dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tiegħu qabel jinstema' l-każ;

(f) li jiżgura li l-prinċipji ta' ekwità, ġustizzja u proporzjonalità jiġu rispettati fit-teħid tad-deċiżjoni;

(g) li jiżgura l-benesseri tal-parti leża, ir-reputazzjoni u l-integrità tal-professjoni tas-saħħa u l-istandards professjonali u etiċi jiġu salvagwardjati;

(h) li jaqdi kwalunkwe funzjoni oħra li tista' tiġi preskritta mil-liġi fir-rigward tas-smigħ tal-proċeduri dixxiplinarji u t-teħid ta' miżuri dixxiplinarji.

Teħid ta' proċeduri dixxiplinarji.

9. (1) Ma għandhom jinbdew l-ebda proċeduri dixxiplinarji fil-konfront ta' kwalunkwe professjonist fil-kura medika ħlief skont

id-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront ta' professjonist fil-kura medika jistgħu jittieħdu permezz tal-Kumitat Dixxiplinarju u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti unikament f'każijiet li jikkonċernaw allegata mġiba professjonali ħażina jew allegat ksur tal-istandards etiċi.

Ilmenti u informazzjoni

10. (1) Il-Kunsill rilevanti għandu jwettaq investigazzjoni skont l-artikolu 31 tal-Att:

(a) fuq inizjattiva tiegħu stess jekk ikollu suspett raġonevoli fir-rigward ta' mġiba professjonali ħażina jew allegat ksur tal-istandards etiċi; jew

(b) malli jirċievi lment rigward allegata mġiba professjonali ħażina jew allegat ksur tal-istandards etiċi unikament meta l-ilment jikkonsisti f'allegazzjoni raġonevoli bil-miktub li jkun fiha spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex tkun qiegħda ssir tali allegazzjoni u talba lill-Kunsill rilevanti sabiex jinvestiga tali allegazzjoni:

Iżda meta l-ilment isir minn persuna li ma tkunx il-parti leża, ir-Reġistratur tal-Kunsill rilevanti ma għandux jaċċetta l-ilment diment li l-parti leża ma tkunx tat l-awtorizzazzjoni tagħha bil-miktub sabiex l-ilment jiġi ppreżentat mill-ilmentatur. Fil-każ li l-parti leża tmut, in-nuqqas ta' tali awtorizzazzjoni mill-parti leża ma għandhiex tipprekludix lill-Kunsill rilevanti mit-iżvolġiment tal-investigazzjoni skont l-Att:

Iżda wkoll meta l-parti leża ma għandiex il-kapaċita mentali meħtieġa skont l-Att dwar is-Saħħa Mentali, awtorizzazzjoni bil-miktub għandha tingħata mill-*carer* responsabbli maħtur skont l-imsemmi Att dwar is-Saħħa Mentali jew minn kuratur maħtur permezz ta' digriet tal-Qorti, skont il-każ. Kap. 525. Kap. 525.

(2) Mal-preżentata tal-ilment, ir-Reġistratur għandu jikseb l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-parti leża jew l-ilmentatur skont is-subregolament (1)(b) skont il-każ, għal dak li għandu x'jaqsam mal-iżvelar tad-data personali tagħha għall-finijiet tal-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni eventwali kif provdut fir-regolament 22(1).

(3) Ir-Reġistratur għandu jippreżenta l-ilment u kwalunkwe informazzjoni preżentata lilu lill-President:

Iżda l-Kunsill rilevanti ma għandux jipproċedi ħlief u sakemm l-ilment ma jkunx ġie kkonfermat permezz ta' dikjarazzjoni

ġuramentata mill-ilmentatur. Tali dikjarazzjoni għandha:

(a) tiddikjara l-indirizz u d-dettalji tal-ilmentatur jew tal-parti leża, skont il-każ; u

(b) f'każ li xi fatt ma jkunx magħruf mill-ilmentatur personalment, tinkludi stqarrija tar-raġunijiet għat-twemmin tiegħu dwar il-veraċità tal-fatt.

(4) Fejn il-Kunsill rilevanti jiddeċiedi li jwettaq investigazzjoni fuq inizzjattiva tiegħu stess kif msemmi fis-subregolament (1)(a), ir-Reġistratur tal-Kunsill rilevanti għandu jinforma lill-parti leża dwar l-investigazzjoni relatata magħha u għandu jikseb il-kunsens bil-miktub tagħha skont is-subregolament (1)(b) għal dak li għandu x'jaqsam mal-iżvelar tad-data personali tagħha għall-finijiet tal-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni eventwali kif imsemmi fir- regolament 22(1).

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjoniet tas-subregolament (3), il-President għandu jidderieġi lir-Reġistratur sabiex jibgħat avviż bil-miktub lill-professjonist fil-kura medika kkonċernat dwar l-ilment li jkun ġie riċevut u l-informazzjoni li tiddeskrivi s-sostanza tiegħu, jew fil-każ ta' investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess, jibgħat avviż bil-miktub dwar il-bażi għal tali investigazzjoni u stedina lill-professjonist fil-kura medika kkonċernat sabiex jippreżenta lill-Kunsill rilevanti, sa tali data li l-President għandu jiddetermina li ma għandhiex tkun ta' inqas minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol, iżda fi kwalunkwe każ ta' mhux iktar minn għoxrin (20) jum ta' xogħol mid-data tan-notifika ta' tali avviż, kwalunkwe rappreżentazjonijiet bħala risposta għall-istess illi l-professjonist fil-kura medika jista' jissottometti, u kull tali spjegazzjoni għandha ssir bil-miktub u għandha tiġi riċevuta mir-Reġistratur fil-perjodu ta' żmien mogħti mill-President.

(6) Il-Kunsill rilevanti jista', fil-kors tal-investigazzjoni jekk ikun meħtieġ, jitlob lill-professjonist fil-kura medika, lill-parti leża jew lill-ilmentatur biex jipprovdi spjegazzjonijiet ulterjuri jew kjarifiki f'perjodu ta' żmien raġonevoli mogħti mill-Kunsill rilevanti.

(7) Il-Kunsill rilevanti għandu jikkonkludi l-investigazzjoni tiegħu dwar l-imġiba tal-professjonist fil-kura medika fi żmien tliet (3) xhur mid-data li l-Kunsill rilevanti jirċievi l-ilment jew mid-data meta l-Kunsill rilevanti jiddeċiedi li jwettaq investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess, liema perjodu jista' jiġi estiż jekk il-kwistjoni tkun hekk teħtieġ, jew jekk l-investigazzjoni ma setgħetx tiġi konkluża qabel, mingħajr l-ebda ħtija tal-Kunsill rilevanti, għal perjodu ulterjuri ta' tliet (3) xhur, b'dan illi l-investigazzjoni ma għandhiex teċċedi l-perjodu totali ta' sitt (6) xhur mid-data li fiha l-Kunsill rilevanti jkun irċieva l-ilment jew tkun inbdiet l-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu

stess.

(8) Il-Kunsill rilevanti għandu jinvestiga b'mod spedjenti u għandu jieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet segwenti wara deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi fir-rigward tal-kwistjoni:

(a) jagħlaq l-investigazzjoni u jiddeċiedi li ma jieħu l-ebda azzjoni ulterjuri; jew

(b) joħroġ imputazzjoni kontra l-professjonist fil-kura medika li fiha jagħti dettalji dwar l-eżitu tal-investigazzjoni, l-allegata mġiba mhux professjonali jew l-allegat ksur tal-istandards tal-etika mill-professjonist fil-kura medika u l-bażi għall-ħruġ tal-imputazzjoni.

(9) Fl-eventwalità li l-Kunsill rilevanti jiddeċiedi li ma jiħux azzjoni ulterjuri, il-Kunsill rilevanti jista' jikkunsidra li l-kwistjoni timmerita l-ħruġ ta' ittra ta' gwida indirizzata lill-professjonist fil-kura medika:

Iżda jekk il-kwistjoni ma timmeritax il-ħruġ ta' ittra ta' gwida, il-professjonist fil-kura medika għandu jiġi infurmat bil-miktub, li l-Kunsill rilevanti ddeċieda li ma jieħu l-ebda azzjoni ulterjuri:

Iżda wkoll fl-eventwalità li l-Kunsill rilevanti jagħlaq l-investigazzjoni skont is-subregolament (8)(a), il-Kunsill rilevanti jista' jirriżerva d-dritt li jerġa' jinkludi l-kwistjoni fl-aġenda tal-Kunsill rilevanti jekk jirċievi informazzjoni ulterjuri jew ilmenti simili jew anċillari rigward il-kondotta tal-professjonist fil-kura medika kkonċernat f'perjodu ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur iżda mhux aktar minn sena (1) mid-data tal-ittra ta' gwida.

(10) Fejn il-Kunsill rilevanti jagħlaq investigazzjoni li nbdiet abbażi ta' ilment skont is-subregolament (8)(a), il-Kunsill rilevanti għandu joħroġ ittra li tiċħad l-ilment, liema ittra għandu jkun fiha r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu li ma jilqax l-ilment u għandha tiġi notifikata lill-ilmentatur mingħajr dewmien.

(11) Meta l-Kunsill rilevanti jiddeċiedi li jieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet skont is-subregolament (8), il-Kunsill rilevanti għandu jikkunsidra l-merti tal-każ abbażi tas-segwenti:

(a) il-prospett li l-każ jirriżulta fi skoperta ta' mġiba ħazina attwali;

(b) interpretazzjoni xierqa tal-kodiċi tal-etika rilevanti li jikkonċerna l-Kunsill rilevanti rispettiv jew partijiet minnu;

(ċ) il-ħtieġa li l-pubbliku jiġi protett minn negliġenza professjonali u mġiba ħazina kemm fuq bażi professjonali kif ukoll fuq bażi etika;

(d) il-ħtieġa li jiġi protett il-benesseri tal-pazjenti;

(e) il-ħtieġa li tiġi żgurata u protetta r-reputazzjoni u l-fiduċja pubblika fil-professjoni;

(f) il-ħtieġa li jiġu protetti membri minn allegazzjonijiet mhux ġustifikati jew li jkunu vessatorji; u

(g) kwalunkwe kwistjoni oħra meqjusa meħtieġa jew rilevanti għall-każ jew l-ilment inkwistjoni.

Bidu ta' proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju.

11. (1) Meta l-Kunsill rilevanti jqis li r-rappreżentazzjonijiet sottomessi mill-professjonist fil-kura medika kkonċernat skont ir-regolament 10(5) mhumiex suffiċjenti, jew jekk il-professjonist fil-kura medika ma jippreżenta l-ebda rappreżentazzjonijiet, il-Kunsill rilevanti għandu jippreżenta rikors quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju sabiex jitlob il-bidu ta' proċeduri dixxiplinarji kontra l-professjonist fil-kura medika, fejn jiddikjara b'mod ċar il-fatti kif stabbiliti minnu, l-imputazzjoni, u l-allegazzjonijiet kontra l-professjonist fil-kura medika, flimkien ma' talba lill-Kumitat Dixxiplinarju sabiex jiddikjara li kien hemm mġiba professjonali ħażina jew ksur ta' etika jew nuqqas ta' kapaċità minħabba xi inkapaċità mentali u sabiex jieħu azzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Wara d-deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti, ir-Reġistratur għandu jinforma lill-ilmentatur u lill-parti leża skont il-każ, bid-deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti fi żmien tletin (30) jum ta' xogħol mid-data li fiha tkun inħarġet l-imputazzjoni.

(3) Hekk kif jiġi ppreżentat ir-rikors skont is-subregolament (1), il-Kunsill rilevanti għandu jippreżenta lill-Kumitat Dixxiplinarju, flimkien mar-rikors, l-informazzjoni u d-dokumenti li ġejjin:

(a) id-dettalji ta' kuntatt tal-professjonist fil-kura medika li għalih tirreferi l-imputazzjoni;

(b) fejn applikabbli, kopja tal-ilment skont ir-regolament 10(1)(b) u kwalunkwe dikjarazzjoni tal-ilmentatur skont il-proviso tar-regolament 10(3);

(ċ) rapport dwar l-investigazzjoni tiegħu flimkien mal-imputazzjoni u d-dokumenti kollha ta' sostenn li huma rilevanti għas-smigħ tal-każ u li jkunu fil-pussess tal-Kunsill rilevanti;

(d) lista tax-xhieda li għandhom jinstemgħu quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju, iżda kwalunkwe persuna li tkun qiegħda tassisti lill-professjonist fil-kura medika inkwistjoni ma tistax tissejjaħ bħala xhud fl-istess proċeduri dixxiplinarji;

(e) kwalunkwe ħaġa oħra li l-Kunsill rilevanti jqis bħala rilevanti għas-smigħ tal-każ.

Rikors tal-Kunsill rilevanti u risposta tal-professjonist fil-kura medika.

12. (1) Il-professjonist fil-kura medika għandu jiġi notifikat bir-rikors imsemmi fir-regolament 11 flimkien mad-dokumenti u l-provi kollha mehmuża miegħu, flimkien mal-Formola A tal-Iskeda.

(2) Il-professjonist fil-kura medika għandu jkollu tletin (30) jum mid-data tan-notifika tar-rikors u d-dokumenti msemmija fis-subregolament (1) sabiex jippreżenta risposta bil-miktub.

(3) Il-professjonist fil-kura medika għandu jippreżenta, flimkien mar-risposta tiegħu lill-Kumitat Dixxiplinarju:

(a) id-dokumenti kollha ta' sostenn rilevanti għas-smigħ tal-każ u li jkunu fil-pussess tiegħu:

(b) lista tax-xhieda li għandhom jinstemgħu quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju, iżda kwalunkwe persuna li tkun qiegħda tassisti lill-professjonist fil-kura medika kkonċernat ma tistax tissejjaħ bħala xhud fl-istess proċeduri dixxiplinarji; u

(ċ) kwalunkwe kwistjoni oħra li hu jqis bħala rilevanti għas-smigħ tal-każ.

(4) Kemm jista' jkun malajr wara li tiġi riċevuta r-risposta skont is-subregolament (2) flimkien mal-informazzjoni u d-dokumenti addizzjonali skont is-subregolament (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa u l-Kumitat Dixxiplinarju għandu jinnotifika ir-risposta flimkien mal-informazzjoni u d-dokumenti addizzjonali lill-Kunsill rilevanti u għandu joħroġ avviż tas-smigħ li għandu jkun f'data u f'ħin li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat Dixxiplinarju, liema avviż għandu jiġi nnotifikat lill-partijiet.

(5) Il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jikkunsidra u jagħti l-importanza dovuta lil-liġijiet, il-kodiċi tal-etika, ir-regoli, ir-regolamenti u l-linji gwida applikabbli u rilevanti, b'mod partikolari dawk li jirregolaw il-professjoni tal-kura medika li kienu fis-seħħ fil-waqt meta seħħew l-allegati fatti li wasslu għall-ilment.

(6) Bla ħsara għal kwalunkwe limitazzjoni imposta mill-Att jew minn dawn ir-regolamenti, il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jkollu s-setgħat kollha meħtieġa sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod xieraq, inkluż is-setgħa li jħarrek lix-xhieda skont l-artikolu 568 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jaħtar esperti skont l-artikolu 563A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jamministra ġuramenti skont l-artikolu 577(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u joħroġ digrieti interlokutorji skont l-artikolu 221 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għal dawn il-finijiet, għandu jkollu s-setgħat li bil-liġi jingħataw lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

Kap. 12.

Posponiment jew differiment.

13. Fejn qabel id-data tas-smigħ tal-proċeduri dixxiplinarji jew f'kull stadju tas-smigħ, il-Kunsill rilevanti jew il-professjonist fil-kura medika li jkun qiegħed jiffaċċja proċeduri dixxiplinarji, jinfurmaw lill-Kumitat Dixxiplinarju li hemm raġuni ġustifikata għal posponiment jew differiment tas-smigħ, il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jiddiskuti l-merti ta' dik ir-raġuni u jiddeċiedi skont il-każ jekk jipposponix, jiddifferixxix, jew ikomplix bis-smigħ tal-każ.

Proċeduri fil-pubbliku.

14. Il-proċeduri quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju għandhom isiru fil-pubbliku.

Assistenza legali u assistenza oħra.

15. (1) Kwalunkwe parti fil-proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju tista' tiġi assistita minn avukat jew prokuratur legali jew professjonist fil-kura medika ieħor li ma huwiex soġġett għall-proċeduri quddiem kwalunkwe Kumitat Dixxiplinarju. Il-professjonist fil-kura medika kkonċernat jista' wkoll jiġi assistit minn kwalunkwe membru ieħor li jkollu ismu rreġistrat f'xi Reġistru miżmum mill-Kunsill rilevanti.

(2) Qabel il-bidu tal-proċeduri, iċ-Chairperson għandu jinforma lil kwalunkwe parti fil-proċeduri li tidher quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju mingħajr tali assistenza bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Ftuħ tal-proċeduri u l-qari tal-imputazzjoni.

16. (1) Il-proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju għandhom jinbdew b'dikjarazzjoni taċ-Chairperson u f'din id-dikjarazzjoni hu għandu:

(a) jiddikjara d-data, il-ħin, u l-post tas-smigħ;

(b) jiddikjara l-ismijiet tal-partijiet konċernati;

(ċ) jiddikjara li s-smigħ hu miftuħ; u

(d) jinforma lill-partijiet li l-proċeduri ser jiġu rrekordjati għall-finijiet tat-traskrizzjoni.

(2) Iċ-Chairperson għandu jistieden lir-Reġistratur jew lir-rappreżentant tiegħu sabiex jaqra l-imputazzjoni.

(3) Iċ-Chairperson għandu jistaqsi lill-professjonist fil-kura medika kkonċernat jekk jammettix jew jirrifjutax l-imputazzjoni.

(4) Il-proċeduri għandhom jiġu rrekordjati bil-miktub jew b'mezzi oħra.

Ammissjoni jew ċaħda.

17. (1) Jekk il-professjonist fil-kura medika kkonċernat jammetti l-imputazzjoni, il-Kumitat Dixxiplinarju għandu:

(a) jiddispensa mill-produzzjoni tax-xhieda u jipproċedi sabiex jagħti d-deċiżjoni tiegħu f'dak il-jum jew fi kwalunkwe jum ieħor appuntat għal dan l-iskop, iżda fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum mid-data tas-smigħ; jew

(b) ikompli bis-smigħ tax-xhieda u l-provi jekk jiddeċiedi li għandu jisma' ċertu provi qabel ma jasal għal deċiżjoni dwar il-miżura dixxiplinarja.

(2) Jekk il-professjonist fil-kura medika kkonċernat jiċħad l-imputazzjoni, il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jkompli bil-proċeduri dixxiplinarji.

(3) Jekk il-professjonist fil-kura medika kkonċernat jonqos milli jattendi għas-smigħ mingħajr raġuni ġustifikata minkejja li jkun ġie nnotifikat bid-dokumenti skont ir-regolament 12(1) u bl-avviż tas-smigħ skont ir-regolament 12(4), il-Kumitat Dixxiplinarju jista', jekk iqis li jkun xieraq, jipproċedi bil-proċeduri dixxiplinarji anke fl-assenza tal-professjonist fil-kura medika:

Iżda jekk il-professjonist fil-kura medika kkonċernat ma jistax jattendi għal raġuni ġustifikata, jista' jitlob li l-proċeduri dixxiplinarji jitkomplew fl-assenza tiegħu jew fil-preżenza tar-rappreżentant appuntat minnu.

Il-proċeduri dixxiplinarji.

18. Il-proċeduri dixxiplinarji għandhom isegwu l-ordni li ġej sakemm il-Kumitat Dixxiplinarju ma jqisx li hemm bżonn li jipproċedi mod ieħor:

(a) ix-xhieda favur l-allegazzjonijiet għandhom jiġu prodotti u eżaminati mill-Kunsill rilevanti u kontroeżaminati mill-professjonist fil-kura medika kkonċernat u sussegwentement kwalunkwe membru tal-kumitat għandu jkollu l-libertà li jistaqsi lix-xhieda kwalunkwe mistoqsijiet li jqis li huma neċessarji;

(b) ix-xhieda tad-difiża, inkluż il-professjonist fil-kura medika kkonċernat, għandhom jinstemgħu. Tali xhieda għandhom jiġu eżaminati mill-professjonist fil-kura medika kkonċernat u kontroeżaminati mill-Kunsill rilevanti u wara dan kwalunkwe membru tal-kumitat għandu jkollu l-libertà li jistaqsi lix-xhieda kwalunkwe mistoqsijiet li jqis li huma meħtieġa;

(ċ) meta l-istadju tal-provi jkun ġie konkluż, il-Kunsill rilevanti għandu jingħata l-opportunità li jindirizza lill-Kumitat Dixxiplinarju u jippreżenta l-każ tiegħu abbażi tal-evidenza prodotta u sussegwentement, il-professjonist fil-kura medika kkonċernat għandu jindirizza lill-imsemmi Kumitat Dixxiplinarju u jippreżenta d-difiża tiegħu:

Iżda l-Kumitat Dixxiplinarju jista' jordna lill-partijiet jippreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub in sostenn tal-każ tagħhom;

(d) il-Kumitat Dixxiplinarju għandu sussegwentement jikkunsidra l-evidenza ppreżentata u s-sottomissjonijiet magħmula miż-żewġ partijiet sabiex jiddetermina fuq bilanċ ta' probabbiltà jekk il-każ kontra l-professjonist fil-kura medika kkonċernat:

(i) ġiex ippruvat totalment;

(ii) ġiex ippruvat biss parzjalment; jew

(iii) ġiex ikkonfutat;

(e) Il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu f'dak il-jum jew fi kwalunkwe jum ieħor, iżda sa mhux aktar minn sena (1) mid-data tal-preżentata tar-rikors mill-Kunsill rilevanti skont ir-regolament 11 u ma jistax isir differiment lil hinn minn dan il-perjodu ta' sena (1) ħlief għal raġunijiet eċċezzjonali li għandhom jiġu rreġistrati mill-Kumitat Dixxiplinarju;

(f) Sakemm tingħata d-deċiżjoni l-Kumitat Dixxiplinarju ma għandux ikun eskluż fl-ebda stadju tal-proċeduri, milli jisma' mill-ġdid kwalunkwe xhud jew milli jitlob il-produzzjoni ta' kwalunkwe dokumenti jew kwalunkwe informazzjoni addizzjonali:

Iżda l-partijiet għandhom jingħataw l-opportunità adegwata sabiex jeżaminaw mill-ġdid lil tali xhud, kwalunkwe dokumenti jew kwalunkwe informazzjoni addizzjonali hekk

prodotti u sabiex jippreżentaw is-sottosmissjonijiet tagħhom fir-rigward.

Miżuri dixxiplinarji.

19. (1) Meta l-Kumitat Dixxiplinarju jiddetermina li l-allegazzjonijiet ġew ippruvati bi sħiħ jew parzjalment, il-Kumitat Dixxiplinarju għandu fl-istess deċiżjoni, jiddetermina l-miżura dixxiplinarja xierqa li għandha tiġi applikata skont l-artikolu 32 tal-Att:

Iżda tali miżura dixxiplinarja għandha tkun waħda li tirrifletti l-prinċipji ta' proporzjonalità u ġustizzja,li tqis l-impatt fuq ir-reputazzjoni u l-integrità tal-professjoni tas-saħħa u l-benesseri tal-parti leża.

(2) Fil-każijiet kollha fejn il-Kumitat Dixxiplinarju jkun sodisfatt li l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata b'mod adegwat jew ġiet ikkonfutata, il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jagħlaq il-proċeduri kollha u jeħles lill-professjonist fil-kura medika kkonċernat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

(3) Il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jiddeċiedi, b'vot ta' maġġoranza u d-deċiżjoni tiegħu għandha tiġi adottata mill-imsemmi Kunsill rilevanti bħala deċiżjoni tal-imsemmi Kunsill rilevanti skont l-artikoli 32, 35, jew 38 tal-Att skont il-każ u l-Kunsill rilevanti ma għandu jkollu l-ebda setgħa li jemenda, ivarja, jew b'xi mod jibdel tali deċiżjoni. Sabiex jiġi evitat kull dubju, il-Kunsill rilevanti għandu jadotta d-deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju li għandha titqies bħala deċiżjoni meħuda mill-Kunsill rilevanti.

Miżuri *interim*.

20. (1) Il-Kumitat Dixxiplinarju jista', matul il-proċeduri dixxiplinarji u wara talba għal dan il-għan mill-Kunsill rilevanti, jadotta miżuri *interim* f'każijiet ta' urġenza minħabba r-riskju ta' dannu serju u irreparabbli lir-reputazzjoni u l-integrità tal-professjoni tas-saħħa, il-benesseri tal-parti leża jew is-sigurtà pubblika b'mod ġenerali:

Iżda l-Kumitat Dixxiplinarju għandu biss jadotta miżuri *interim* jekk ikun sodisfatt illi *prima facie* jidher li jkun hemm kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-artikolu 32(1), fl-artikolu 35 u fl-artikolu 38(1) tal-Att.

(2) Id-deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju sabiex jadotta miżuri *interim* għandha tkun eżegwibbli minnufih malli tittieħed tali deċiżjoni. Tali miżuri għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li tista' tittieħed mill-Kumitat Dixxiplinarju.

(3) Il-miżuri *interim* għandhom ikunu proporzjonati u xierqa u

għandhom japplikaw għal perjodu speċifiku ta' żmien li għandu jiġi determinat mill-Kumitat Dixxiplinarju:

Iżda l-perjodu tal-miżuri *interim* jista' jiġi estiż mill-Kumitat Dixxiplinarju sakemm ikunu meħtieġa u xierqa.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju skont is-subregolament (1) għandha tiddikjara l-fatti kollha stabbiliti minnu u r-raġunijiet li abbażi tagħhom iqis li l-adozzjoni tal-miżuri *interim* hija meħtieġa.

(5) Id-deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju skont is-subregolament (1) jew kwalunkwe estensjoni skont il-proviso għas-subregolament (3), għandha tiġi nnotifikata lill-persuna konċernata fi żmien jumejn (2) mid-data li tittieħed id-deċiżjoni mill-Kumitat Dixxiplinarju.

(6) Ir-Reġistratur tal-Kunsill rilevanti għandu fi żmien sitt (6) ijiem mid-data tal-adozzjoni tal-miżuri *interim* skont is-subregolament (1) jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru dwar kwalunkwe tali miżuri *interim* adottati u l-persuna konċernata tista' fi żmien sitt (6) ijiem mid-data tan-notifika tal-miżuri *interim*, tippreżenta talba għal konsiderazzjoni mill-ġdid lill-Kumitat Dixxiplinarju li fiha tinkludi r-raġunijiet għall-istess:

Iżda meta ssir talba għal konsiderazzjoni mill-ġdid, il-Kumitat Dixxiplinarju għandu joħroġ deċiżjoni fir-rigward ta' tali talba fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data tal-preżentata tal- imsemmija talba, liema deċiżjoni finali għandha tiġi nnotifikata lill-persuna kkonċernata skont is-subregolament (5):

Iżda wkoll f'tali każijiet, it-terminu sabiex jiġi ppreżentat rikors tal-appell skont is-subregolament (7) għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni finali.

(7) L-appell minn miżuri *interim* imposti mill-Kumitat Dixxiplinarju skont is-subregolament (1) jista' jiġi ppreżentat mill-persuna kkonċernata permezz ta' rikors preżentat quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi żmien sitt (6) ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni skont is-subregolament (5) u l-Kumitat Dixxiplinarju għandu jirrispondi fi żmien sitt (6) ijiem mid-data tan-notifika ta' tali rikors.

(8) It-talba għal konsiderazzjoni mill-ġdid skont is-

subregolament (6) jew appell ippreżentat skont is-subregolament (7) ma għandux ikollhom l-effett li jissospendu kwalunkwe miżuri *interim* imposti mill-Kumitat Dixxiplinarju.

(9) Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors skont is-subregolament (7) fl-inqas żmien possibbli, iżda sa mhux aktar tard minn xahar (1) mid-data tal-preżentata tar-risposta tal-Kumitat Dixxiplinarju.

Rekords miżmuma u maħżuna mill-Kunsill rilevanti u mill-Kumitat Dixxiplinarju.

21. (1) Id-dokumentazzjoni, il-provi, it-traskrizzjonijiet u r-rekords kollha tal-proċeduri u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Dixxiplinarju għandhom jiġu debitament miżmuma u maħżuna b'mod sigur mis-segretarju tal-Kumitat Dixxiplinarju.

(2) Ir-Reġistratur tal-Kunsill rilevanti għandu jżomm u jaħżen ir-rekords tal-proċeduri dixxiplinarji b'mod illi jiżgura l-preservazzjoni, l-aċċess u r-referenza għalihom mill-Kunsill rilevanti, il-Kumitat Dixxiplinarju jew il-pubbliku ġenerali.

Deċiżjonijiet mogħtija fil-miftuħ u bil-miktub.

22. (1) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Dixxiplinarju għandhom jingħataw fil-miftuħ u bil-miktub u għandhom jiġu ffirmati miċ-Chairperson:

Iżda kwalunkwe data personali u informazzjoni oħra sigrieta li fir-rigward tal-iżvelar tagħhom ma jkunx ingħata l-kunsens kif provdut fir-regolament 10, għandhom jiġu anonimizzati fid-deċiżjoni u ma għandhomx ikunu soġġetti għall-pubblikazzjoni kif provdut fis-subregolament (3).

(2) Il-verżjoni oriġinali tad-deċiżjoni, flimkien mar-rekord sħiħ tal-proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju, għandhom jintbagħtu lir-Reġistratur minnufih mill-Kumitat Dixxiplinarju mal-għeluq tal-proċeduri dixxiplinarji.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), kwalunkwe deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju li timponi miżura dixxiplinarja adottata mill-Kunsill rilevanti skont dawn ir-regolamenti, għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-Kunsill rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

(4) Fejn jiġi ppreżentat appell skont ir-regolament 28, il-Kunsill rilevanti għandu mingħajr dewmien żejjed, jippubblika informazzjoni dwar l-appell u fuq l-istatus tal-appell u l-eżitu tiegħu, inkluż informazzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li tvarja jew tirrevoka l-miżura dixxiplinarja inkwistjoni fl-intier tagħha jew parzjalment.

Validità tal-proċeduri.

23. F'każ fejn il-laqgħa tal-Kumitat Dixxiplinarju tiġi differita għal data fil-futur taħt kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti hawn fuq imsemmija, il-validità tal-proċeduri f'dik il-laqgħa ma għandhiex titqiegħed f'dubju għar-raġuni unika li l-membri tal-kumitat li kienu preżenti fil-laqgħa preċedenti ma kinux preżenti għal-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat Dixxiplinarju.

Kopja tad-deċiżjoni.

24. (1) Iċ-Chairperson għandu jikkomunika mingħajr dewmien id-deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju lill-Kunsill rilevanti li għandu jadotta dik id-deċiżjoni kif provdut fir-regolament 19(3).

(2) Il-Kunsill rilevanti għandu jinnotifika kopja tad-deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju mingħajr dewmien lill-professjonist fil-kura medika.

Formola ta' taħrika ta' xhud.

25. L-avviż lil kwalunkwe persuna sabiex tidher quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju biex tagħti xhieda u, jew tipproduċi dokumenti għandha tkun skont il-formola stabbilita fil-Formola B elenkata fl-Iskeda.

Firma.

26. (1) Kull avviż imsemmi f'dawn ir-regolamenti għandu jkun iffirmat miċ-Chairperson u nnotifikat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Att.

(2) Kwalunkwe avviż maħruġ taħt ir-regolament 12 għandu jiġi nnotifikat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Att.

Diskussjonijiet kunfidenzjali.

27. Iċ-Chairperson u l-membri l-oħra tal-Kumitat Dixxiplinarju fl-ebda waqt ma jistgħu jiżvelaw kwalunkwe mid-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Dixxiplinarju fil-kors tal-proċeduri quddiemu.

Appell.

28. (1) Għandu jkun hemm dritt ta' appell minn kwalunkwe deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju adottata u implimentata mill-Kunsill rilevanti skont l-Att.

(2) Qabel ma tgħaddi sabiex tagħti s-sentenza finali, il-Qorti għandha tagħti lill-partijiet konċernati l-opportunità li jispeċifikaw il-partijiet kunfidenzjali li jkun fihom data personali u informazzjoni sigrieta li għandhom jiġu anonimizzati fis-sentenza finali jew fid-digriet:

Iżda d-determinazzjoni finali dwar tali anonimizzazzjoni għandha tkun fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Penali amministrattivi.

29. (1) Fejn professjonist fil-kura medika jiġi misjub ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jiddeċiedi dwar il-miżura dixxiplinarja xierqa abbażi tal-prinċipji inklużi fir-regolament 8(f) sabiex jiżgura proporzjonalità bejn il-

miżura dixxiplinarja u l-gravità tal-imġiba ħażina.

(2) Fejn il-Kumitat Dixxiplinarju jiddikjara fid-deċiżjoni tiegħu li jsib li l-professjonist fil-qasam tal-kura medika ma għandux ikompli jeżerċita l-professjoni tiegħu minħabba nuqqas ta' kapaċità fiżika jew ta' saħħa mentali, il-Kunsill rilevanti għandu jipproċedi biex iħassar l-isem tal-professjonist fil-qasam tal-kura tas-saħħa kkonċernat mir-Reġistru skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.

(3) F'dawk il-każijiet fejn il-Kumitat Dixxiplinarju jqis li l-imġiba ħażina professjonali jew il-ksur tal-istandards tal-etika jkunu ta' konsegwenza minuri għall-professjoni, għar-reputazzjoni tagħha, għall-prattika, jew għall-ilmentatur jew il-parti leża konċernata, skont il-każ, il-Kumitat Dixxiplinarju jista':

(a) joħroġ ittra ta' twissija; jew

(b) jimponi penali amministrattiva ta' mhux inqas minn mija u ħamsin euro (€150) iżda li ma teċċedix elf u ħames mitt euro (€1,500); jew

(ċ) jiddikjara li fil-każ li l-membru jinstab ħati ta' kwalunkwe ksur ieħor tal-imġiba professjonali jew ta' standards tal-etika mill-Kumitat Dixxiplinarju fi żmien sena (1) minn dik id-data, il-ksur sussegwenti għandu jitqies flimkien mal-ksur preċedenti fid-determinazzjoni tas-severità tal-miżura dixxiplinarja li għandha tittieħed; jew

(d) japplika kwalunkwe mill-miżuri hawn fuq msemmija b'mod konkorrenti.

(4) F'dawk il-każijiet fejn il-Kumitat Dixxiplinarju jqis li l-imġiba ħażina professjonali jew il-ksur tal-istandards tal-etika jkunu ta' konsegwenza moderata għall-professjoni, għar-reputazzjoni tagħha, għall-prattika, jew għall-ilmentatur jew il-parti leża konċernati, skont il-każ, il-Kumitat Dixxiplinarju jista':

(a) joħroġ ittra ta' ċanfira;

(b) jimponi penali amministrattiva ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) iżda li ma teċċedix tmint elef euro (€8,000);

(ċ) jiddikjara li fil-każ li l-membru jinstab ħati ta' kwalunkwe ksur ieħor tal-imġiba professjonali jew ta' standards tal-etika mill-Kumitat Dixxiplinarju fi żmien sentejn (2) minn dik id-data, il-ksur sussegwenti għandu jitqies flimkien mal-ksur preċedenti fid-determinazzjoni tas-severità tal-miżura

dixxiplinarja li għandha tittieħed;

(d) jordna t-tneħħija temporanja tal-membru mir-Reġistru għal perjodu ta' mhux inqas minn xahar (1) iżda li ma jeċċedix tmien (8) xhur skont id-dispożizzjonijiet tal-Att:

Iżda l-Kumitat Dixxiplinarju jista' jimponi kondizzjonijiet fuq il-membru għad-dħul tiegħu mill-ġdid fir-Reġistru bħall-obbligu li jwettaq b'suċċess taħriġ speċifiku jew li jipparteċipa fi programm ta' żvilupp professjonali kontinwu matul l-isemmi perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura dixxiplinarja; jew

(e) japplika kwalunkwe mill-miżuri hawn fuq msemmija b'mod konkorrenti.

(5) F'dawk il-każijiet fejn il-Kumitat Dixxiplinarju jqis li l-imġiba ħażina professjonali jew il-ksur tal-istandards tal-etika jkunu ta' konsegwenza gravi għall-professjoni, għar-reputazzjoni tagħha, għall-prattika, jew għall-ilmentatur jew il-parti leża kkonċernata, skont il-każ, il-Kumitat Dixxiplinarju jista':

(a) joħroġ ittra ta' ċanfira u jiddikjara li jekk il-professjonist fil-kura medika jinstab ħati ta' kwalunkwe ksur ieħor tal-imġiba professjonali jew ta' standards tal-etika mill-Kumitat Dixxiplinarju fi żmien tliet (3) snin minn dik id-data, il-ksur sussegwenti għandu jitqies flimkien mal-ksur preċedenti fid-determinazzjoni tas-severità tal-miżura dixxiplinarja li għandha tittieħed;

(b) jimponi penali amministrattiva ta' mhux inqas minn tmint elef euro (€8,000) iżda ma teċċedix għoxrin elf euro (€20,000);

(ċ) jordna t-tneħħija temporanja tal-membru mir-Reġistru:

Iżda l-perjodu tat-tneħħija temporanja għandu jkun ta' mill-inqas disa' (9) xhur iżda ma għandux jeċċedi tmintax (18)-il xahar:

Iżda wkoll il-Kumitat Dixxiplinarju jista' jimponi kondizzjonijiet fuq il-professjonist fil-kura medika għad-dħul tiegħu mill-ġdid fir-Reġistru bħall-obbligu li jwettaq b'suċċess taħriġ speċifiku jew li jipparteċipa fi programm ta' żvilupp professjonali kontinwu matul l-isemmi perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura dixxiplinarja;

(d) jordna t-tħassir tal-isem tal-professjonist fil-kura medika mir-Reġistru skont id-dispożizzjonijiet tal-Att; jew

(e) japplika kwalunkwe mill-miżuri hawn fuq msemmija b'mod konkorrenti.

Ħlas ta' penali amministrattiva.

30. Il-ħlas ta' kwalunkwe penali amministrattiva imposta skont dawn ir-regolamenti għandu jiġi rkuprat bħala dejn ċivili favur il-Gvern mill-Kunsill rilevanti u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u għall-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u tal-Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Dispożizzjoni tranżitorja.

31. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw biss fir-rigward ta' atti u ommissjonijiet li jitwettqu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti. Kwalunkwe investigazzjoni jew proċeduri dixxiplinarji dwar allegata mġiba professjonali ħażina jew l-allegat ksur ta' etika bbażati fuq allegati atti jew ommissjonijiet li jkunu twettqu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandhom jibqgħu jiġu regolati mid-dispożizzjonijiet tal-Att u tal-legiżlazzjoni sussidjarja relattiva li tirregola l-proċeduri kif kienu fis-seħħ minnufih qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u dawk id-dispożizzjonijiet għandhom għall-finijiet ta' dawk l-investigazzjonijiet jew proċeduri dixxiplinarji jitqiesu li baqgħu fis-seħħ.

SKEDA

(regolamenti 12 u 25)

FORMOLA A

Kumitat Dixxiplinarju

Avviż ta' Proċeduri Dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju

Lil ..... (data)

.....

B'dan navżak li l-[*isem tal-Kunsill rilevanti*] ippreżenta proċeduri dixxiplinarji kontrik quddiem dan il-Kumitat Dixxiplinarju sabiex jikkunsidra u jiddeċiedi dwar l-imputazzjoni[jiet] miġjuba kontrik.

Flimkien ma' dan l-Avviż, qiegħed tiġi nnotifikat b'rikors tal-Kunsill rilevanti u bid-dokumenti u l-provi kollha li jakkumpanjawha.

Għaldaqstant qiegħed tingħata tletin (30) jum sabiex twieġeb bil-miktub għall-allegazzjonijiet miġjuba kontrik u sabiex tissottometti dokumenti u provi ta' sostenn għad-difiża tiegħek.

Qiegħed tiġi avżat li tista' tiġi assistit minn avukat jew prokuratur legali jew kwalunkwe professjonist fil-kura medika tal-għażla tiegħek kemm għall-finijiet tar-risposta tiegħek għall-allegazzjonijiet miġjuba kontrik u fi kwalunkwe proċeduri miġjuba kontrik quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju.

Qiegħed tiġi mwissi li jekk ma tippreżentax risposta fil-ħin mingħajr l-ebda spjegazzjoni raġjonevoli, il-Kumitat Dixxiplinarju jista' jipproċedi sabiex jisma' l-każ u jiddeċiedi l-istess każ fin-nuqqas tiegħek.

Wara li tiġi riċevuta r-risposta tiegħek jew mal-iskadenza tat-tletin (30) jum hawn fuq imsemmija, il-Kumitat Dixxiplinarju għandu jappunta l-ewwel seduta tal-proċeduri dixxiplinarji u jinfurmak bid-data tagħhom.

Chairperson

Kumitat Dixxiplinarju

FORMOLA B

Kumitat Dixxiplinarju

Avviż lil persuna sabiex tagħti xhieda u, jew sabiex iġġib dokumenti jew materjal ieħor

Lil ..... (data)

Inti b'dan meħtieġ tattendi quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju fil-..... ta' ..... 20..... fi ..... fi ..... u bl-istess mod fi kwalunkwe ġurnata oħra li għaliha tiġi differita s-seduta sabiex tixhed u, jew tressaq id-dokumenti li ġejjin ..... fil-kwistjoni li tifforma s-suġġett tal-proċeduri dixxiplinarji kontra ..... .

B'dan qiegħed tiġi mwissi li jekk tonqos milli tattendi kif hawnhekk meħtieġ, inti soġġett għall-penali stabbiliti fl-artikolu 997 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

B 2209

Chairperson

Kumitat Dixxiplinarju